VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,045, 24 ta' Awwissu, 2018
Taqsima B

A.L. 287 tal-2018

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (KAP. 220)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal- Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, il-President ta' Malta għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 220.03

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali

2. Il-proviso tas-subregolament (1) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda uffiċjal ikollu l-għażla li jirtira fil-jum meta, jew f'kull jum ieħor li jiġi wara l-jum meta, itemm ħamsa u għoxrin sena servizz, suġġett għal kull obbligu ta' servizz u ta' termini oħrajn li hu jista' ikun daħal għalihom permezz ta' aċċettazzjoni ta' impenn u sakemm l-uffiċjal jiddikjara l-ħsieb tiegħu li jirtira lill-Ministru bil-miktub, permezz tal-Kmandant, mhux iktar tard minn tliet xhur qabel il-jum maħsub tal-irtir tiegħu.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-proviso tas-subregolament (1) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda uffiċjal ma jitħallix jirtira jew jirriżenja jekk ikun avżat għal servizz barra minn Malta jew, jekk ikun għamel xi kors ta' taħriġ li jkun suġġett għal obbligu ta' servizz, qabel dak il-perijodu, li ma jkunx iżjed minn tnax-il sena, li jibdew mid-data li fiha jispiċċa l-kors ta' taħriġ, kif indikat fl-aċċettazzjoni ta' impenn jew kif il-Ministru jista' jistabbilixxi.".

Jemenda r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali

4. Is-subregolament (1) tar-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"35. (1) Raġel fil-forza jkollu l-għażla li jirtira fil-jum

VERŻJONI ELETTRONIKA

meta, jew f'kull jum ieħor li jiġi wara l-jum meta, itemm ħamsa u għoxrin sena servizz, suġġett għal kull obbligu ta' servizz li jkun daħal għalih permezz ta' aċċettazzjoni ta' impenn wara li jagħti avviż bil-miktub ta' tliet xhur lill-Kmandant permezz tal-Uffiċjal Kmandant tiegħu, dwar il-ħsieb tiegħu li jirtira, kif jixraq:

Iżda raġel fil-forza ma jitħallix jirtira jew jirriżenja jekk ikun avżat għal servizz barra minn Malta jew, jekk ikun għamel xi kors ta' taħriġ li jkun suġġett għal obbligu ta' servizz, qabel dak il-perijodu, li ma jkunx iżjed minn tnax-il sena, li jibdew mid-data li fiha jispiċċa l-kors ta' taħriġ, kif indikat fl-aċċettazzjoni ta' impenn jew kif il-Ministru jista' jistabbilixxi.".